AWTORITÀ GHAS-SAHHA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGHOL
17, Triq Edgar Ferro, Pietà PTA 1533 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • http://www.ohsa.org.mt
VAT No: MT 1664-1504

OCCUPATIONAL HEALTH & SAFETY AUTHORITY
17, Edgar Ferro Street, Pietà PTA 1533 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • http://www.ohsa.org.mt
VAT No: MT 1664-1504

**Stqarrija għall-Media**

## Risposta miċ-*Chairperson* tal-OHSA lill-Kap tal-Oppożizzjoni

12 ta' Ottubru 2016

Fl-isfont tal-ittra mill-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor Dr Simon Busuttil liċ-*Chairperson* tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) l-Onor Dr Deo Debattista, Dr Debattista bagħat risposta lil Dr Busuttil dwar it-tanker tal-LNG li jinsab Marsaxlokk.

F'din l-ittra, Dr Debattista informa lil Dr Busuttil li flimkien mal-entitajiet l-oħra li jiffurmaw parti mill-Awtorità Kompetenti taħt ir-regolamenti tal-2015 dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar (li daħlu fis-seħħ id-Direttiva Seveso III), l-OHSA qegħda twettaq l-obbligi u l-funzjonijiet kollha tagħha kif stabbiliti fl-istess regolamenti.

Dr Debattista qal li l-Awtorità Kompetenti (li hija magħmula mill-OHSA, ERA, PA u CPD) hija nkarigata wkoll li tevalwa u tikkomunika l-konklużjoni tal-eżami tar-rapporti sottomessi mill-operatur, liema proċess għadu għaddej. Din l-Awtorità kompetenti għandha l-obbligu wkoll li torganizza sistema adegwata ta' spezzjonijiet meta jibda jopera l-istabbiliment.

Skont kif għandha l-fakultà tagħmel l-Awtorità Kompetenti, l-OHSA kienet inkarigat espert barrani ta' esperjenza vasta biex jassistiha fuq livell tekniku waqt l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni kollha. Dr Debattista qal li dawn id-dokumenti ser ikunu ppublikati la darba jintemm il-proċess ta' evalwazzjoni u jibda l-proċess ta' konsultazzjoni pubblika konness mal-proċess tal-IPPC.

Dr Debattista qal ukoll li l-OHSA temmen li b'dan il-mod se tkun qed tosserva l-prinċipji tat-trasparenza li huma mistennija minn kull awtorità pubblika u tixtieq tassigura li l-qalba għall-gass se tkun qed issir bl-aktar mod effiċjenti u bil-miżuri kollha ta' prevenzjoni u ta' kontroll indikati.

*(Kopja tal-ittra mehmuża)*

-tmiem-

Environmentally friendly paper